

In sostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka disa' motivi. Fl-ewwel sitta, ir-rikorrenti tipprowa turi li ma hemmx biżżejjed provi ta' ksur. B'mod partikolari, hija tikkritika l-fatt li ma ttehdix in kunsiderazzjoni b'mod korrett l-oneru sħiħ tal-prova li kellha tinġab mill-konvenuta, il-ksur tal-prinċipju ta' l-inizjattiva tal-qorti *ex officio*, il-preżunzjoni żbaljata tal-konvenuta ta' tteghid regolari tas-siġilli, stat anomalu tas-siġill fil-jum suċċessiv, in-natura adattata tat-tejp ta' protezzjoni kif ukoll il-fatt li l-konvenuta b'mod żbaljat ma kkunsidratx xenarji alternattivi.

Permezz tas-seba' motiv, jiġi sostnut li ma ġietx osservata l-preżunzjoni ta' l-innoċenza u b'dan il-mod ġew miksura rekwiżiti proċeduri sostanzjali u rekwiżiti proċedurali.

Fit-tmien motiv ir-rikorrenti tallega li l-ħlas skond l-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1/2003 ġie mqajjem mill-konvenuta b'mod żbaljat.

Fl-aħħar nett, hija jeżisti ksur fl-iffissar tal-multa. Fl-opinjoni tar-rikorrenti, hemm bżonn tal-ksur tal-projbizzjoni ta' arbitrarjetà kif ukoll ta' l-obbligu ta' motivazzjoni skond l-Artikolu 253 KE. B'mod żbaljat, ma ttiehdix in kunsiderazzjoni ċirkustanzi attenwanti u ġew applikati b'mod żbaljat ċirkustanzi aggravanti.

(<sup>1</sup>) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, p. 1).

### Rikors ippreżentat fis-17 ta' April 2008 — Atlas Transport vs L-UASI — Atlas Air (ATLAS)

(Kawża T-145/08)

(2008/C 158/31)

Lingwa tar-rikors: Il-Ġermaniż

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Atlas Transport GmbH (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: U. Hildebrandt, K. Schmidt-Hern u B. Weichhaus, Rechtsanwältin)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell:* Atlas Air, Inc. (New York, l-Istati Uniti ta' l-Amerika)

#### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Awla tal-Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) ta' l-24 ta' Jannar 2008 (Każ R 1023/2007-1);

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* it-trade mark verbali "ATLAS" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 36 u 39 (Trade mark Komunitarja Nru 2 970 788).

*Proprietarju tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti.

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* Atlas Air, Inc.

*Dritt tat-trade mark tal-parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità:* b'mod partikolari t-trade mark figurattiva "ATLASAIR" irreġistrata fl-Istati tal-Benelux għal prodotti fil-klassi 39 (Nru 555 184)

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* l-annullament parzjali tat-trade mark Komunitarja għal servizzi fil-klassi 39.

*Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell:* ċaħda ta' l-appell tar-rikorrenti bħala inammissibbli.

*Motivi invokati:* ksur ta' l-Artikolu 59(3) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (<sup>1</sup>), peress li l-motivazzjoni tar-rikors għandha tisso-disfa kundizzjonijiet espliċitament stabbiliti u li motivazzjoni impliċita ma setgħetx titqies bħala suffiċjenti. Barra minn hekk, ksur analogu tad-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 61 tar-Regolament Nru 40/94 flimkien ma' dik tar-Regola 20(7) tar-Regolament Nru 2868/95 (<sup>2</sup>), peress li l-proċedimenti quddiem l-UASI kellhom jiġu sospiżi b'mod mandatorju.

(<sup>1</sup>) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, ta' l-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 1994, L 11, p. 1).

(<sup>2</sup>) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95, tat-13 ta' Diċembru 1995, li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità (ĠU L 303, p. 1).

### Rikors ippreżentat fis-17 ta' April 2008 — Deutsche Rockwool Mineralwoll vs L-UASI — Redrock Construction (REDROCK)

(Kawża T-146/08)

(2008/C 158/32)

Lingwa tar-rikors: Il-Ġermaniż

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Deutsche Rockwool Mineralwoll GmbH & Co. OHG (Gladbeck, il-Ġermanja) (rappreżentanta: S. Beckmann, Rechtsanwältin)